Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 5 ta' Diċembru 2018**
**(OR. en)**

**14293/18**

**Fajl Interistituzzjonali:**
**2018/0365(NLE)**

**PECHE 463**

**NOTA PUNT "I/A"**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| lil: | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill |
| Nru dok. Cion: | 13561/18 PECHE 431 + ADD 1 - COM(2018) 710 final |
| Suġġett: | Proposta għal REGOLAMENT TAL-KUNSILL li jiffissa għall-2019 l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet ta' ħut u gruppi ta' stokkijiet ta' ħut fil-Baħar l-Iswed<br>- Adozzjoni |

1. Fil-25 ta' Ottubru 2018, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill proposta għal Regolament tal-Kunsill li jiffissa għall-2019 l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet ta' ħut u gruppi ta' stokkijiet ta' ħut fil-Baħar l-Iswed. Għal-laċċa kaħla, il-Kummissjoni tipproponi riportament tat-TACs tal-2018 għall-2019. Għall-barbun imperjali, hija tipproponi TAC fil-livelli stabbiliti mill-pjan ta' ġestjoni pluriennali għas-sajd tal-barbun imperjali, li kien miftiehem matul il-41 Laqgħa Annwali tal-Kummissjoni Ġenerali għas-Sajd għall-Mediterran (16-20 ta' Ottubru 2017).

2. Fit-8 ta' Novembru 2018, il-Grupp ta' Ħidma dwar il-Politika Interna u Esterna tas-Sajd eżamina l-proposta u laħaq qbil dwar it-test u dwar dikjarazzjoni mill-Kunsill u mill-Kummissjoni dwar kwistjonijiet ta' kontroll. Il-Bulgarija u r-Rumanija ħabbru dikjarazzjoni konġunta. Iż-żewġ dikjarazzjoni jinsabu fl-addendum għal din in-nota[1].

[1] Id-dikjarazzjonijiet relatati huma identiċi għad-dikjarazzjonijiet li nħarġu fl-2017 (ara 15058/17 ADD1).

3. Il-Coreper mistieden jissuġġerixxi li l-Kunsill:

– jadotta t-test tal-proposta kif jidher fid-dok. 14292/18 PECHE 462 (kif iffinalizzat mill-ġuristi lingwisti), u

– idaħħal id-dikjarazzjonijiet fl-addendum għal din in-nota fil-minuti tal-Kunsill.